**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**Laqgħa Numru KAX 01-2014.**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' Lulju 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kumitat iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Membru.
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru għax kien marid.

Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-26 ta' Ġunju 2014.

1. Ħatra ta' *Chairperson*.
2. Ħatra ta' Viċi *Chairperson.*
3. Attivitajiet fix-Xlendi għas-sajf 2014.
4. Diskussjoni dwar Pjan ta' Ħidma tal-Kumitat.
5. Materji oħra.

Il-laqgħa kienet immexxija mis-Sur Mark Busuttil, minħabba li huwa l-aktar membru anzjan.

**1.00 Ħatra ta' *Chairperson*.**

1.01 Tqassmu l-voti u saret elezzjoni b'mod anonimu sabiex jiġi maħtur *Chairperson*. Ir-riżultat kien hekk: Is-Sur Mark Busuttil ġab erba' voti minn erbgħa. Għaldaqstant is-Sur Mark Busuttil ġie elett b'mod unanimu bħala *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi u ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga. Huwa rringrazzja tal-fiduċja u awgura xogħol ta' fejda għall-ġid u benefiċċju tal-lokalità.

**2.00 Ħatra ta' Viċi *Chairperson*.**

2.01 Wara l-elezzjoni għal ħatra ta' *Chairperson*, reġgħu tqassmu l-voti u saret elezzjoni oħra b'mod anonimu sabiex issa jiġi maħtur Viċi *Chairperson*. Ir-riżultat kien hekk: Is-Sinjorina Charmaine Vella ġabet tliet voti minn erbgħa filwaqt li s-Sur Vincent Borg ġab vot wieħed minn erbgħa. Għaldaqstant is-Sinjorina Charmaine Vella ġiet eletta bħala Viċi *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi u ffirmat l-aċċettazzjoni tal-kariga. Hija wkoll irringrazzjat tal-fiduċja u awgurat xogħol ta' fejda għall-ġid u benefiċċju tal-lokalità.

**3.00 Attivitajiet fix-Xlendi għas-sajf 2014.**

3.01 Il-Kumitat kien ilu jipprepara dan il-programm ta' attivitajiet sa mill-Kumitat l-ieħor. Dawn l-attivitajiet ser ikunu ffinanzjati mill-iskema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-attivitajiet (Memo 25/2013 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014), mill-Ministeru għal Għawdex u mill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Is-Sinjorina Charmaine Vella ssuġġeriet li l-*films* li ser jintwerew għandhom ikunu aktar adatti għall-familja u tfal. Hija ġiet mitluba sabiex tissuġġerixxi erba' ismijiet ta' *films*. Hija aċċettat u anke aċċettat li tissupplixxi dawn il-*films*.

**4.00 Diskussjoni dwar Pjan ta' Ħidma tal-Kumitat.**

4.01 Wieħed mill-proġetti li dalwaqt jitlesta huwa t-tisbiħ ta' Triq il-Kantra. Dan ser ikun iffinanzjat mill-fond tal-UIF.

4.02 Ix-xogħlijiet ta' kisi ta' toroq bit-tarmak mill-iskema ta' PPP huma lesti. Il-perit qed jaħdem fuq il-kontijiet ta' dawn ix-xogħlijiet.

4.03 Ix-xogħlijiet fuq il-passaġġ tax-xtajta huma lesti. Kif kien ġie deċiż fl-laqgħa preċedenti, il-Kumitat ser joħroġ sejħa għall-offerti sabiex dan il-pavimentar jitkompla bil-fondi tal-UIF.

4.04 Mill-fondi li baqa' minn Miżuri 313 u 323, ser jitranġa l-passaġġ ta' quddiem il-mitħna sotterranja, issir il-mappa u ktejjeb ta' informazzjoni u titranġa s-sistema tad-dawl u għamara.

4.05 Il-Kumitat ġie infurmat mill-Ministeru għal Għawdex li l-parti t'isfel tax-Xlendi ser titranġa mill-Ministeru għal Għawdex skont il-permessi li nħarġu mill-MEPA.

**5.00 Materji oħra.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta diversi talbiet mingħand stabbilimenti tal-ikel fix-Xlendi fejn qed jitolbu li jitpoġġew imwejjed u siġġijiet u jsiru tined. Ġie deċiż li l-pożizzjoni tal-Kumitat ser tkun hekk:

1. L-*area* fejn jitpoġġew l-imwejjed u siġġijiet tkun quddiem il-proprjetà.
2. Irid jitħalla passaġġ ta' 1.5m minn fejn jgħaddi l-pubbliku.
3. Il-passaġġ li jitħalla għall-pubbliku ma jkunx imsaqqaf b'xi forma ta' tinda.
4. Fil-passaġġ li sar minn fondi ta' Eco-Gozo ma jitpoġġewx imwejjed u siġġijiet.

Rigward it-talba li saret mill-istabbiliment tal-ikel Iċ-Ċima, jingħata *no objection* sabiex ipoġġi żewġt imwejjed fl-*area* li tiġi 'l fuq mill-passaġġ ta' Eco-Gozo.
L-istabbiliment tal-ikel Da Manuel se jintalab li jħalli l-passaġġ għall-pubbliku man-naħa tar-*railing*.

5.02 Il-Kumitat irċieva lment mingħand persuna li toqgħod fi Triq it-Torri dwar inbiħ ta' klieb matul il-lejl. Min għamel l-ilment diġà ġie infurmat li huwa għandu jirrapporta direttament lill-Pulizija waqt li dawn il-klieb ikunu jinbħu.

5.03 Il-Kumitat irċieva talba mingħand resident fi Triq il-Biżantini fejn qed jitlob li ssir bozza fuq arblu li diġà jeżisti, titwaħħal il-plakka bl-isem tat-triq u jsiru *double yellow lines* metru kull naħa tal-*gate* tiegħu. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 26 ta' Awwissu 2014, fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Mark Busuttil** | **Anthony Grech** |
| ***Chairperson.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |